**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tat- Tnejn u Erbgħin (42) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**Is-Sibt, 20 ta' Jannar, 2017, fl-10.00am**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm l-ebda ittra f'dan ir-rigward.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Wieħed u Erbgħin (41) laqgħa tal-15 ta' Diċembru, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- ***Relazzjonijiet Internazzjonali***:
  Zafferana – Is-Sindku innota li ġejjin grupp għal Karnival tan-Nadur u anke is-Sindku, fejn il-kunsill ser jipprovdi transport minn u lejn airport kif ġa kien maqbul qabel.
  Baveno – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li hemm ħafna qed jistaqsu x'ser jiġri dwar dan. Ġie deċiz li naraw jekk hux possibli li jitla' grupp f'Ottubru li ġej.
  Russia Vishni Volochek- Is-Sindku innota li dawn jixtiequ isaħħu l-ħbiberija ta' bejnietna. Ġie diskuss u maqbul li l-Kunsill jibgħatilom lura u jaraw jekk jibgħatux delegazzjoni fix-xhur li ġejjin.
  Charter – Is-Sindku informa lil Viċi-Sindku Eucharist Camillieri li jrid jibda jaħdem fuq lodging u laqgħat dwar l-organizazzjoni tac-Charter 2018. Il-Viċi-Sindku Eucharist Camilleri innota li trid isir laqgħa tal-Kumitat tac-Charter rigward l-organizazzjoni,

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

lodging u l-program.  Hu innota li qed ikun diffiċi li jinstab hosting mingħajr l-ebda kumpens. Kien hemm diskussjoni fuq dan jekk għandux jingħata kumpens zgħir jew le lil familji li jospitaw. Kien hemm qbil li jiġi rivedut il-program u filkas tingħata kumpess zgħira. Ġie maqbul li jkun hemm laqgħa tac-Charter nhar is-Sibt 27 ta' Jannar fis-2:00p.m. fejn jiġu infurmati l-membri ta' dan is-Sottu Kumitat. Il-Viċi Sindku innota li l-aħjar jiġi infurmat is-Segretarjat Parlamentari għal-Gvern Lokali b'din l-attivita'.

- ***Dawl Latrina Daħlet Qorrot:***
  Is-Sindku innota li dan għandu jeħel il-gimgħa li gejja.

- ***Risk Assessment Kunsill:***
  Dan għandu isir il-gimgħa li gejja minn Galea Curmi Eng.

**4. Korrispondenza.**

(6066) Cir AKL 115/2017- Bdil ta' Awguri ghall-Ewwel tas-sena 2018

(6067) Contracts Circular 19/2017- Blacklisting of cleaning and seurity sercives Ltd

(6068) Cir AKL 118/2017- Talba għall-gemellagg mal-villaġġ ta' Edea fl-Isvezja

(6069) Bilanc tal-Fondi UIF- 124,204.41

(6070) E Mail mingħand Transport Malta dwar Clamping and Towing

(6071) Cirk AKL 2018/003-Call for the Town Twinning Action Action Between Turkey and the EU Grant Scheme

(6072) PQ 3413

(6073) Cir AKL 2018/001- Group Health Policy Renewal

(6074) Laqghat ma l-Ghaqdiet Volontarji 2018 mingħand Malta Council for the Voluntary Sector

(6075) Direttiva 3/2017- Linji Gwida tal-2017 dwar Akkwist- Aggornament 1- definaizzjoni 1.16

(6076) Cirkulari nr.  1/2018- Inizjattiva- Kors fil-kitba Malti

(6077) E mail mingħand Valletta 18 rigward il-Gimgħa tal-Ftuh

(6078) Procurement Policy note no 34- Pre Financing for EU Founded Procurement

(6079) Ittra mingħand Athletix Gozo Athletics Club rigward Nadur 8k

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6080) Cirk AKL 113/2017- Rapport Regjuni

(6081) Cirk AKL 114/2017- Ringrazzjament u Awguri

(6082) Cirk AKL 2018/02- Vizibilita' lill-Kunsilli Lokali fuq PBS

(6083) Direttiva no. 3/2017- Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (Procurement) mill-Kunsilli Lokali

(6084) No objection mingħand Lands Authority dwar Daħlet Qorrot

(6085) E mail mingħand Lands Authority dwar sit f' Triq Għajn Qasab

(6086) Cirk AKL 120/2017- EDIC Newsletter 6

(6087) Procurement Policy notes no.34 (Updated)

(6088) Stedina lis-Sindku u lis-Segretarja ghall-Press call fil-MGOZ rigward il-ftehim li gie iffirmat

(6089) P&SD Circular no.27- Increase of Vacation Leave Entitlement

(6090) E mail mingħand DQSE dwar PA/09491/17

(6091) E mail mingħand DLG rigward Cultural Tours for Diplomants 2018

(6092) Ittra mingħand Care Malta Ltd. rigward Nazzareno Vasallo Award fir initiatives in Elder Care

Mal-korrispondenza s-Sindku innota li rcevejna talba mingħand il-Parrċċca sabiex issir struttura tal-injam mas-Salib peress li se jagħlaq 300 sena, u il-Kunsill qablu li jsir pero rridu naraw ezatt x'irid isir. Is-Sindku innota wkoll li issa l-Parroċċa ser tibda toħrog ġazzetta bir-reklami tal-attivitajiet minn xahar qabel.

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku innota li daħlu €143,000 mingħand il-MGOZ għal Triq il-Qortin. Daħlet ukoll l-Allokazzjoni ta' €115,000 li kienet din is-sena €4,000 aktar. Il-Flus bhala post turistiku daħlu bl-ammont ta' €10,000. Is-Sindku kompla jgħid li hemm ukoll €60,000 għal Proġetti Kapitali. L-iskeda tal-pagamenti no. 42 kienet ta' ammont kbir peress li sar pagament lil Gatt Tarmac Ltd u lil Road Construction.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li gew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**6. Budget 2018**

Is-Sindku taspjega ta x'se jinkludi d-draft budget 2018 li għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-Finanzi.

**7. Attivitajiet – Milied 2017 u Librerija (post-mortem); Karnival 2018 (inkluz Kwotazzjonijiet); Festa San Blas; Ħargiet Anzjani; Wirja Agrarja.**

**Milied 2017**-Santa Claus is coming to Nadur: Sfortunatament kien il-maltemp pero' l-attivita' saret xorta. Ġew madwar 60 familja li pero' ġew biss għar-ritratti.

**Attivita' fil-Librerija**: Din kienet attivita' sabiħa ħafna li għaliha attendew ħafna tfal. Is-Sindku innota li kieku sena oħra jrid jinbidlila ftit l-istil flimkien mal-Assocazzjoni tal-Libreriji.

**Festa San Blas**: Din ser tinzamm fit-28 ta' Jannar. L-Indafa ser issir minn Mario u Chris Cardona. Il-Kunsill ser jikkollabora permezz ta' posters, flyers, tifkira (notepad) – total ta €390. Kien hemm qbil fuq dan.

**Ħargiet Anzjani**: Din ser tkun l-Erbgħa 24 ta' Jannar fejn il-Quddiesa tkun il-Knisja tal- Kapuccini u ikla wara grazzi għal Lina Mifsud li rrangat ma' ristorant f'Marsalforn. Is-Sindku innota li l-ħarga ta' Frar tkun jew fil 21 jew 22 ta' Frar. Kien hemm qbil.

**Wirja Agrarja**: Is-Sindku innota li nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar hu għandu laqgħa mal-Onor. Camilleri peress li laqgħa t-talba tal-Kunsill li jgħinuna għal Wirja Agrarja 2018.

**Karnival 2018:**

Sponsors: MGOZ - €6000 kif ukoll l-Indafa tal-karnival kollu, Skema Kulturali-(Segretarjat għal Gvern Lokali u Visit Malta) dan l-ammont għadu mhux ikkonfermat u l-Kumpanija Coca-Cola-€1,500.

Kwotazzjonijiet u offerti:

*NLC25/2017- Hire of a PA system for Organized Carnival 2018*-L-orħos offerta u konformi kienet ta' Cloud 9 Audio bl-ammont ta' €339 excl VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Bord ta' Evalwazzjoni.

*NLC24/2017- Hire of Mobile Toilets Carnival 2018*- l-unika offerta u konformi kienet ta' Michael Refalo bl-ammont ta' €19.50 each excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni.

*NLC23/2017- Lighting of Central Streets during Nadur Carnival 2018*- l-unika offerta u konformi kienet ta' D Illumination bl-ammont ta' €1,480 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni.

*NLC26/2017- Security Services during Carnival 2018-* kien hemm erbgħa offerti li kienu konformi, tlieta ta' l-istess ammont 8.82/hr u wiehed 12.50/hr. Wara l-approvazzjoni mill-Bord ta' Evalwazzjoni ghat-tlieta li kienu bil-prezz ta' 8.82/hr, u abbazi tal-esperjenza fil-passat tal-Karnival, kien hemm qbil li tintgħazel l-offerta ta' Security First Services.

*NLC/27/2017- Tender for the Provision of and operation Public address system and DJ Services during Nadur Carnival 2018-* Kien hemm offerta waħda biss ta' High End Sound. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li jekk il-Bord jara li kollox konformi jintgħazel High End Sound bl-ammont ta' €8,592 excl. Vat.

Indafa wara Karnival: Is-Sindu innota li din is-sena ser ikun test u ha naraw kif se mmorru. Hu innota li jekk ikun hemm bzonn jitqabdu nies extra. Il-Monti ta' l-Erbgħa 14 ta' frar ser jiġi imħassar minhabba l-indafa.

Karnival Organizzat: Is-Sindku innota li l-Program lest. Il-Prezentaturi konfermati –Toni Busuttil u Mireillle Bonello. Il-Mementos ordnati ukoll mingħand Horace Enterprises.

Karnival Spontanju: Is-Sindku innota li DJs list u set up lest. It-Toroq li ser ikunu mgħaluqa minhabba l-Karnival u l-indafa gew pubblikati fil-gazetta tal-gvern.

**8. Procurement Regulatations;**

Gie diskuss rigward ir-regoli godda fuq Procurement fejn:

- Treshold ta' Direct Order giet dik ta €5,000
  Din fejn naraw il-bzonn nigbru 3 quotes u hija responsabilita' tas-Segretarja biex tiddeċidi skond il-każ.

- Threshold ta' Quotation hija €10,000
  Hawnhekk toħrog quotation fuq is-sistema idealment.

- Threshold ta' Tender issa hija dik ta' aktar minn €10,000:
  - Irid ikun hemm bord magħmul minn accountant, avukat u persuna teknika oħra.
  - Chairperson (no vote), 1 voting Accountant, 1 voting legal, 1 voting technical, Secretary (Executive Sec).

*Offerta NLC27/2017 – Service of general hand, maitenance, cleaning & upkeeping for Nadur LC*

- Is-Sindku innota li jrid jitwaqqaf bord ġdid tat-tenders. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt ma' l-Accountant Michelle Grima, L-Avukata Nadia Vella u l-Perit Edward Scerri. Fuq l-bord ser ikun hemm il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri- Chairman kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

## 9. Manutenzjoni ta' Toroq, Proġetti u Xogħol infrastrutturali ieħor, Fondi UIF;

**Triq il-Qortin:** Is-Sindku innota li din tlestiet l-ewwel parti fuq il-Fondi tal-DLG u t-Triq diġa ħadet ir-ruħ. Issa qed nistennew BOQ mingħand perit sabiex tinħareġ offerta għal kumplament tat-triq taħt il-fondi tal-MGOZ. Il-Kunsill ser jibgħat lil servizzi kollha (WSC, Melita, GO plc, Vodaphone u Enemalta) ittra biex jekk għandhom jagħmlu xi xogħol jsir qabel. Il-Kunsill irċieva l-ammont ta' €143,000 mingħand il-MGOZ u dawn qegħdin fl-account tal-Kunsill diġa'.

**Daħlet Qorrot Cliffs**: Is-Sindku innota li l-Awtorita' tal-Ippjanar l-ewwel talbitna clearance mingħand l-ERA u issa l-Perit gie informalment infurmat li hemm possibilita' li tintalab Full Development Application li tiehu xhur. Dan il-ħin sar kuntatt mal-Perit tal-kunsill fejn spjega lil Kunsilliera is-sitwazzjoni. Is-Sindku innota li l-Kunsill mhux ser jerfa' responsibilita' sakemm joħroġ il-permess u li għandha tiġi magħluqa malajr il-parti l-perikuluza u jiġi infurmat il-pubbliku b'dan kollu.

**Rock Garden**: Is-Sindku innota li milli jidher din l-area mhux irregistrata fuq hadd. Għaldaqstant ma nistgħux napplikaw biex nirrangawh għax ma jgħajjatx lil Kunsill. Is-Sindku iltaqa' ukoll mal-Ministru għal Għawdex fuq dan u l-unika cans huwa dak ta espropriazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa jibqa' kollox kif inhu.

**Xogħol tad-dawl fix-*Shelt*er**: Is-Sindku innota li kif kien ga avza waqt il-proġett li peress li sar dawl kollu gdid, konna installajna dawl apposta fis-shelter. Dan il-kont biss fadal, pero ma jistax jitħallas qabel ikollna ċertifikazzjoni u jiġu installati *emergency lights*.

**Maintenance fuq it-Torri ta' Kenuna**: Is-Sindku innota li jrid isir xogħol ta' tikħil skond kif mitluba mill-kuntratt mal-GO. Il-Kaħħal mar fuq il-post u hemm bzonn xogħol ta' madwar €600 barra u gew. Hemm ukoll xi ħġieġ mkisser li rridu nirrangaw. Kien hemm qbil fuq dan.

Fondi UIF: Is-Sindku innota li dawn il-fondi telgħu għal €124,000 u talab li isir:

- Safety Mats godda f'certu postijiet fejn spiċċaw fil-playing fields.
- Zewg outdoor gym equipment fil-Belveder DC Cocco Palmeri.
- Stima għal dawl fil-Bajja ta'Daħlet Qorrot.

Kien hemm qbil fuq dawn.

## 10. Haddiema CWS, Indafa Pubblika u Nadur Nadif;

Ħaddiema CWS: Is-Sindku innota li fl-aħħar ġimgħat kellu numru ta' diskussjonijiet mal-ħaddiema u llum qed jagħmlu xogħol tajjeb. Hu kompla jgħid li issa jidher li qbadna ritmu tajjeb ta ndafa fit-toroq. Is-sindku innota ukoll li talab għal aktar ħaddiema lil MGOZ. Il-ħaddiem fuq ġew qed jidra ukoll u anke għamilnilu desk għalih.

Nadur Nadif: L- Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Luke Galea ta update lil Kunsill fuq x'gie diskuss waqt il-laqgħat tal-grupp 'Nadur Nadif'. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar tkellmet ma' Amity Gauci min-naha tal-Intervention Unit tal-Ministeru għal Għawdex rigward ix-xoghol li qed isir minn Nadur Nadif. Hi ghaddiet il-kuntatt lil Luke Galea biex il-Grupp Nadif jaghmel kuntatt u jara x'assistenza jista' jkun hemm. Gie deċiż li jsir clean up fit-triq ta' Daħlet Qorrot.

**11. Performance Appraisals Segretarju u Skrivan;**

Dawn ġew approvati unanimament. Segretarju Ezekuttiv 10% u Skrivan 6%.

**12. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

Talba biex jinbena u jitranga ħajt fi Triq Wied Rihan. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba mingħand Pawla Tabone rigward bini ta' ħajt bil-kantun fi Triq Qortin minhabba l-ilma tax-xita. Kien hemm qbil fuq dan.

Dawn iz-żewġ ħitan jagħtu fuq triq pubblika.

Is-Sindku innota li hemm bzonn ta' Patching u li jitnaddfu l-gutters ta' Wied Bingemma. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bozza FS Sciortino. Is-Sindku innota li din twaħħlet u qed nistennew il-connection mingħand l-Enemalta.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bozza fi Triq San Gakbu. Is-Sindku innota li din ser titwaħħal dilwaqt.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne għamlet reminder rigward il-bankina kantuniera ma' Triq il-Kappillan. Kien hemm reminder ukoll rigward il-bankina tal-sala tal-Knisja. Is-Sindku innota li din ser issir dilwaqt.

13. **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-laqgħa spiċċat fin-12:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar fil-5:30p.m. Il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi ser tkun is-Sibt 27 ta' Jannar fit-3:00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |